MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2009

Rikors Numru. 26/2006

Hasan Hasan u martu Ramona nee` Vassallo
vs
Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni

Il-Qorti,

## A. RIKORS:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

Illi huma zzewgu Malta u ilhom jghixu hawn miz-zwieg taghhom. Illi ricentement l-intimat baghat ghar-rikorrenti u waqt li qieghdhom fi kmamar distinti, poggihom taht interrogatorju u sarulhom mistoqsijiet fuq il-hajja privata taghhom (ghalkemm mhux fuq il-hajja intima). Illi wara li sar dan l-interrogatorju, l-intimat iddecieda li jhassar il-freedom of movement li r-rikorrenti Hasan Hasan kellu bhala ragel ta’ mara Maltija.

Illi t-telfien, jew ahjar it-tnehhija, tad-dritt maghruf bhala freedom of movement jirreka dannu konsiderevoli lill-familja tar-rikorrenti, stante li r-ragel ikun qieghed biss f'Malta fuq visa, li tista' tigi koncessa u li tista' ma tigix imtawla, barra konsegwenzi ohra fuq ix-xoghol u l-qligh tal-familja.

Illi minkejja li l-intimat gie mgharraf li l-agir tieghu huwa vjolazzjoni ta' diversi artikoli tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, xorta baqa' ma rreintegrax lir-rikorrenti Hasan Hasan fid-dritt li kellu ta' freedom of movement, li ttiehed b'mod illegali.

Illi l-agir ta' l-intimat fl-ewwel lok, waqt l-interrogatorju lamentat, jammonta ghal trattament inuman jew degradanti bi ksur ta' l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi l-istess trattament u l-konsegwenzjali tnehhija tal-freedom of movement jammontaw ghall-ksur ta' l-Artikolu 8 ta' l-istess Konvenzjoni Ewropea.

Illi t-tnehhija tal-freedom of movement tammonta wkoll ghall-ksur tal-Artikolu 2 tar-Raba' Protokoll anness mal-istess Konvenzjoni.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara li bl-agir tieghu l-intimat wettaq vjolazzjonijiet ta' l-Artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u ta' l-Artikolu 2 tar-Raba' Protokol ta' l-istess Konvenzjoni, u dan b'dannu tar-rikorrenti, jew min minnhom skond il-kaz,

2. Tiddikjara nulla u bla effett it-thassir tal-freedom of movement fuq il-passaport tar-rikorrenti Hasan-Hasan u

3. Taghti kull rimedju iehor, inkluzi danni sofferti mir-rikorrenti bil-vjolazzjonijiet lamentati.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**B. RISPOSTA:**
Rat ir-risposta ta' l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni li biha espona:

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda ghas-segwenti:-

**Ebda ksur ta' l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem**

**Artikolu 3:**

"Hadd ma ghandu jigi assoggettat ghal tortura jew ghal trattament jew piena inumana jew degradanti".

Ir-rikorrenti qed jallegaw illi l-agir ta' l-intimat waqt l-interrogazzjoni li ghaliha saret referenza fir-rikors odjern, jammonta ghal trattament inuman u degradanti bi ksur ta' l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Kif gie ritenut mill-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem:
*"The notion of inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe suffering, mental or physical, which in the particular situations is unjustifiable … Treatment or punishment of an individual may be said to be degrading if it grossly humilates him before others or drives him to act against his will or conscience".*
(*The Greek Case*, 5 ta' Novembru, 1969, *Yearbook* XII (1969) pg. 186).

Illi mill-gurisprudenza citata jidher illi biex ikun hemm *"inhuman"* u *"degrading treatment",* jehtieg li jkun hemm certu ammont ta' sofferenza severa, u li d-dinjita` tal-bniedem tigi menomata b'mod serju.

Illi kif ser jigi ippruvat fil-mori tal-kawza, l-agir ta' l-intimat kien wiehed ghal kollox legittimu, u fl-ebda stadju ma kien remotament eccessiv wisq anqas tali li jammonta ghal tortura jew trattament inuman jew degradanti.

Ghaldaqstant, kuntrarju ghal dak allegat, ma hemm ebda ksur ta' l-artikolu 3 fuq citat.

**2. Ebda ksur ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea**

Illi fl kliem ir-rikorrent, it-tnehhija tal-*freedom of movement* lir-rikorrenti Hasan Hasan jammonta ghal ksur ta' l-artikolu 8 ta' l-istess Konvenzjoni Ewropea.

**Artikolu 8:**
"(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu.
(2) Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorita` pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skond il-ligi u li jkun mehtieg f'socjeta` demokratika fl-interess tas-sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor".

Illi l-intimat ghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Raid Mabruk El Masri vs L-Onor. Prim Ministru et**, deciza fl-4 ta' Ottubru, 2004, fejn dina l-Qorti diversament preseduta f'pagna 10 ticcita lill-Awturi Van Dijk u Van Hoof (*Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*) fuq din il-materja, u tghid is-segwenti:-
*"As a matter of well-established international law and subject to its treaty obligations, a state has the right to control the entry, residence and expulsion of non-nationals from its territory (**Moustaquim v. Belgium**, 1991).*

*However, measure taken in the field of immigration may affect the right to respect of family life under article 8, for example, if a person is excluded from a country where members of his family are living (**Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. U.K.** (1985).*

*Two questions must be answered when deciding whether an exercise of immigration control violates Article 8. First,*

*whether there exists family life, worthy of protection within the meaning of article 8. Secondly, if so, whether that interference is justified".*

Kif ben dikjarat mill-Qorti Ewropea, *"The existence of a family is a precondition for the application of Article 8"* (**Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. U.K.** (1985). Mill-fatti pero` ser jirrizulta li bejn iz-zewg rikorrenti, ma hemm ebda *"family life"* fit-termini ta' l-artikolu 8 u ghaldaqstant ma hemmx rabta x'tigi protetta mill-istat fil-konfront tar-rikorrenti.

Illi ghaldaqstant, kuntrarju ghal dak allegat, ma hemm ebda ksur ta' l-artikolu 8.

**3. Ebda ksur ta' l-artikolu 2 tar-raba' protokoll anness mal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem**

Fi kliem ir-rikorrenti, it-tnehhija tal-*freedom of movement* tammonta wkoll ghal ksur ta' l-Artikolu 2 tar-Raba' Protokoll anness mal-istess Konvenzjoni.

**Artikolu 2 tar-Raba' Protokoll:**
"(1) Kull min ikun b'mod legittimu fil-limiti tat-territorju ta' xi Stat ghandu, fil-limiti ta' dak it-territorju, ikollu d-dritt ghal-liberta` ta' movement u l-liberta` li jaghzel ir-residenza tieghu.

(3) Ma ghandhom jittiehdu ebda restrizzjonijiet fuq l-esercizzju ta' dawn id-drittijiet hlief dawk li jkunu skond il-ligi u li jkunu mehtiega f'socjeta` demokratika f'kull interess tas-sigurta` nazzjonali jew tas-sigurta` pubblika, ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku, ghall-prevenzjoni ta' reati, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghal protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' l-ohrajn".

Skond il-ligi vigenti f'pajjizna, u kif ser jigi ippruvat mill-intimat, it-thassir mill-intimat tal-*freedom of movement* fuq il-passaport tar-rikorrenti Hasan Hasan sar skond il-ligi. Isegwi li ma gie miksur ebda dritt kif protett taht l-artikolu 2 tar-Raba' Protokol.

**4. Ebda dannu ma gie ikkagunat lir-rikorrenti.**

Illi r-rikorrenti jallegaw illi l-agir ta’ l-intimat jintitolahom ghal hlas ta’ danni.

Illi stante li l-intimat ma kiser l-ebda drittijiet spettanti lir-rikorrenti, isegwi wkoll illi ma gie ikkawzat ebda dannu, ghaldaqstant it-tielet talba ghandha wkoll tigi michuda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Xehed Hasan Hasan fejn iddikjara li kellu *I.D. Card* Maltija u n-numru taghha huwa 1204388 u mizzewweg lil Ramona Vassallo. Il-passaport tieghu huwa Sirjan u kellu l-*freedom of movement*. Il-Pulizija haduh l-*Immigration* u ghamlulu katina tal-hadid f’idejh. Nehhewlu l-*freedom of movement* minn fuq il-passaport, izda telquh. Xehed li jghix mal-mara. Ma ghandu ebda proceduri ghal separazzjoni jew annullament. Meta baghtu ghalih il-Pulizija staqsewh fuq x’jiekol u dwar il-kulur tal-gwardarobba u s-saqqu u fuq omm u missier il-mara.

Xehdet Ramona Vassallo li ikkonfermat li hi mizzewga lil Hasan Hasan u ma hemm l-ebda proceduri ta’ separazzjoni jew annullament bejniethom. Huma zzewwgu disa’ snin ilu u lir-ragel kienu tawh il-*freedom of movement*. Il-Pulizija kienu baghtu ghaliha flimkien ma’ Hasan u staqsewha l-ismijiet tieghu, ta’ hutu, ta’ ommu, missieru, taghha, meta jiltaqghu u jekk jieklux il-Hadd flimkien. Dawn id-domandi kienu damu xi nofs siegha. Ziedet li proprjament huma dahlu separatament, imbaghad wara tkellmu ma’ xulxin.

Xehed l-Ispettur Sandro Zarb li ikkonferma li r-rikorrent huwa mizzewweg cittadina Maltija. Ma jidhirx li ttiehdu xi proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent. Minn indagni irrizultalu separazzjoni *de facto* u mhux affarijiet ohra. F'dan il-kaz kien hemm applikazzjoni ghal cittadinanza Maltija u ghalhekk saru indagini, li f'dan il-kaz kien relatat maz-zwieg tar-rikorrent Hasan Hasan ma' cittadina Maltija halli jkun jista' jibbenefika mic-cittadinanza Maltija. L-indagini ssir mill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni. Mart ir-rikorrent ma qalitx li huma separati izda pero` stqarret li huma hafna drabi ma jghixux flimkien. Semma li kienu saru zewg spezzjonijiet fi Triq il-Melhin, Marsascala. Hasan kien qalilhom li l-mara tieghu qieghedha mal-genituri taghha San Pawl, fil-fatt kienu wkoll ghamlu xi tfittxijiet fl-appartament u ma nstabu l-ebda indumenti, pussessi, xi haga li tindika li kien hemm ko-abitazzjoni rikjesta mill-ligi biex wiehed jiggwadanja mill-*freedom of movement*. Zied li omm il-mara tar-rikorrent Hasan kienet mietet ricentement. Id-decizjoni ma ttehditx mill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni ghalkemm ghandu l-obbligu li jezegwiha imma hi tad-Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u effettivament din id-decizjoni partikolari kienet ittiehdet lura f'Gunju ta' l-2003 mill-istess direttur. Irrizulta li kien hemm ko-abitazzjoni ma' persuna ohra. Hu jinsab imharrek bhal xhud f'kawza kriminali li ghaddejja kontra mart ir-rikorrent u kontra certu Otis Cassar li kien prezenti waqt incident li nqala' gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Belt f'Lulju tas-sena 2005. Ma setax jixhed jekk mart Hasan hi tikko-abitax ma' Otis Cassar. Il-ko-abitazzjoni spiccat pero` ghal xi zmien kienet tezisti. Ikkonferma li kienu saru separament domandi lir-rikorrenti izda dawn kien domandi tas-soltu. Isiru bi skop li jsegwu biex jara t-talba tac-cittadinanza u jekk ghandux jitnehha wkoll il-*freedom of movement*. Ma hemm l-ebda tip ta' tortura u l-ebda tip ta' pressjoni. Ir-rizultat ta' dawn id-domandi kien hemm certu inkonstistenzi wkoll fid-domandi li saru. Ghalkemm fuq affarijiet bazilari wiehed jistenna li jkun hemm qbil. Qal li l-aktar haga li wiehed jistenna li jsib huma indumenti femminili, affarijiet li jindikaw il-prezenza femminili f'fond, li mill-ftit esperjenza li kellu hu wiehed jistenna li jsib il-prezenza femminili god-dar, hwejjeg, zraben, dawn l-

affarijiet ma kienx hemm. Kien hemm biss indumenti maskili.

Xehed Mr.Treeby Ward, Direttur fid-Dipartiment tac-Cittadinanza ta' l-*Ex-patriates* u ilu fil-kariga mill-1993. Semma li r-rikorrent kien applika ghal cittadinanza Maltija u l-applikazzjoni tieghu izda din ma gietx milqugha. Normalment wara applikazzjoni jibaghtu din lill-Pulizija, u l-Pulizija jaghmlu r-rapport taghhom u fir-rapport jghidulhom jekk ghandhomx oggezzjoni jew jirrikkmandawhiex. Fuq l-informazzjoni li jghaddu lill-Ministru, il-Ministru jiddeciedi jekk it-talba tintlaqax jew le. Huwa l-Ministru li jiehu d-decizjoni finali dwar jekk tinghatax ic-citadinanza wara li jqis l-interess pubbliku. Qal li wara li ttiehdet id-decizjoni tal-Ministru huma hargulu ittra fejn informawh li t-talba tieghu ma tistax tigi milqughha. Ippreciza li qabel ma sar it-tibdil fil-ligi tac-cittadinanza fis-sena 2000 kull minn kien japplika fuq il-premess ta' zwieg ma' Malti jew Maltija, jekk l-applikazzjoni tieghu kienet timxi u ma jkunx hemm l-ebda ostakolu jigifieri kien jinghata c-cittadinanza. Minn meta nbidlet il-ligi fis-sena 2000 irid ikunu ilhom mizzewgin hames snin qabel ma jistghu japplikaw, minhabba l-emenda li ghaddiet fis-sena 2000. Spjega li huma bhala dipartiment taghhom kull ma jidhlu fil-kwistjoni hija dwar cittadinanza, dwar jekk persuna tkunx tista' toqghod Malta jew le mhix haga taghhom.

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET:

***D1. Allegat ksur ta' l-artikolu 3 tal-Kap 319:***

Dan l-artikolu jghid hekk:
"Hadd ma ghandu jigi assoggettat ghal tortura jew ghal trattament jew piena inumana jew degradanti".

Fir-rikors tieghu r-rikorrent jghid:
"Illi l-agir ta' l-intimat fl-ewwel lok, waqt l-interrogatorju lamentat, jammonta ghal trattament inuman jew degradanti bi ksur ta' l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta)."

Illi ghalhekk jinkombi fuq il-Qorti biex tezamina jekk il-fatti tal-kaz iwasslux ghal ksur ta' l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni

Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Irrizulta li r-rikorrenti gew interrogati separatament u li din l-interrogazzjoni damet xi nofs siegha. Ma jirrizultax li sar ebda tweghid. L-interrogazzjoni saret fl-ufficcju tal-pulizija u saru domandi anke fuq il-hajja privata tar-rikorrenti. Fin-nota tieghu l-intimat jghid hekk:
"Kif josserva l-awtur **Facett, The Application of the European Convention on Human Rigts, Ediz 1987, pagna 42:**

"Inhuman treatment would then be the deliberate infliction of physical or mental pain or suffering against the will of the victim and, when forming part of criminal punishment, out of proportion to the offence".

Skond Paul Sieghart, The International Law of Human Rights, ediz 1983, pagna 167:

"In Denmark et al v. Greece E.U.C.M (European Commission of Human Rights) stated that the notion of inhuman treatment covers at least such treatments as deliberately causes severe suffering, mental or physical, which in the particular situation is unjustifiable".

L-istess awtur ikompli jghid li: *"Treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of the term 'inhuman'. The assessment of the minimum is, in the nature of things, relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical or mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (**Ireland v. United Kingdom** (53-10-71) judgment, 2EHRR 25)".*

Ma jirrizultax lill-Qorti li kien hemm xi *severe suffering* li kien mhux gustifikat. Anqas xi agir umiljanti fil-konfront taghhom. Anqas ma irrizulta li huma gew imgieghla jaghmlu xi haga kontra l-morali jew il-kuxjenza taghhom. Anqas ma irrizulta li d-dinjita` tar-rikorrenti bhala bnedmin giet menomata b'xi mod serju. Ma jidhirx li kien hemm xi dewmien specjali jew gustifikazzjoni ta' biza' jew umiljazzjoni, jew affetwatlux il-personalita` tieghu. Biex

jinkiser il-provvediment ta’ l-artikolu 3 tal-Kap 319 l-agir irid ikun tali li jmur oltre t-trattament legali jew piena (**Ramirez Sanchez vs France**, deciza fl-4 ta’ Lulju 2006, paragrafi 118 u 119). Huwa naturali li hadd ma jiehu gost jigi interrogat u anqas b’xi mod sorveljat minn awtorita`. Jekk wiehed jigbed l-argument, hadd ma jiehu gost li pulizija tat-traffiku jghid lil sewwieq biex jieqaf u jersaq fil-gemb tat-triq halli jaghmillu citazzjoni; hadd ma jiehu gost li meta jkun qieghed l-*airport* ghaddej mill-magna ta’ kontroll jigi ezaminat ulterjorment, izda meta dawn jirtu biss forom fejn ma tigix milquta d-dinjita` personali jew il-morali jew agir kontra l-kuxjenza ta’ l-individwu, dawn b’ebda mod ma jistghu jigu meqjusa li persuna qed tigi assoggettata ghal tortura jew trattament inuman jew degradanti. Ara f’dan ir-rigward is-sentenza fl-ismijiet **Antonio Pace vs Ministru tad-Djar u Artijiet et**, deciza fis-17 ta’ Ottubru 1988.

L-istess principji gew applikati wkoll mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Meinrad Calleja vs Kummissarju tal-Pulizija, Direttur tal-Habs u Avukat Generali** deciza fid-19 ta’ Frar 2008. Ara wkoll Prim’Awla sede Kostituzzjonali, **Ian Xuereb vs L-Onorevoli Prim Ministru et**, deciza fl-14 ta’ Dicembru 2007.

Kif qal l-intimat fin-nota tieghu, “mill-process ma irrizultax:-
(a) Li fil-mument tat-trattament u cioe` meta kienet qed issir l-interrogazzjoni intuzat xi forza r-rikorrenti biex l-esponenti akkwistaw r-risposti ghad-domandi imposti lilhom;
(b) Li d-domandi imposti kienu ta’ natura personali li setghu jimbarazzaw, jumiljaw jew ipoggu lir-rikorrenti f’diffikulta` biex jirrisponduhom;
(c) L-element ta’ premeditazzjoni mehtieg skond il-gurisprudenza Ewropea;
(d) Il-livell ta’ sofferenza, kemm fizika kif ukoll mentali, li huwa mehtieg fil-mument ta’ l-interrogazzjoni, element ghal darb’ohra necessarju sabiex jissussisti ksur ta’ dan l-artikolu skond kif tezigi l-gurisprudenza Ewropea u Maltija.”

Ghalhekk il-Qorti ma ssibx ksur ta’ l-artikolu 3 tal-Kap 319.

***D2. Ksur ta' l-artikolu 8 tal-Kap 319:***

Dan l-artikolu jghid hekk:

"(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu.

(2) Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorita` pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skond il-ligi u li jkun mehtieg f'socjeta` demokratika fl-interess tas-sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor".

Dan huwa artikolu ferm importanti u essenzjali li jigi rispettat.

Ir-rikorent Hasan sostna li t-tnehhija tal-*freedom of movement* minn fuq il-passaport ta' Hasan jammonta ghal ksur ta' l-artikolu 8 tal-Kap 319. Ir-rikorrent jinsisti li hemm id-dritt ghar-rispett tal-hajja privata ta' l-individwu u tal-familja tieghu u ta' daru u li m'ghandux ikun hemm indhil minn awtorita` pubblika dwar l-ezercizzju tad-dritt imsemmi fl-ewwel sub-paragrafu hlief ghall-eccezzjonijiet hemmhekk indikati. L-Istat ghandu l-obbligu li jirrispetta l-hajja privata u tal-familja tieghu. Ir-rikorrent irrefera li l-kuncett tal-familja mhux necessarjament jirreferi ghal familja tradizzjonali, izda jinkludi wkoll il-kuncett ta' tnejn min-nies li bi hsiebhom jizzewgu jew li jikko-abitaw flimkien ghal zmien konsiderevoli (**Abdulaziz vs United Kingdom**).

Ir-rikorrent irrefera wkoll ghall-kaz ta' **Dickson vs UK** tal-Qorti Ewropeja, ta' l-4 ta' Dicembru 2007 fejn jinghad li:

"The object of article 8 is essentially that of protecting the individual against aribtrary interference by the public authorities …"

A bazi ta' dan u ta' l-imsemmija sentenza r-rikorrent isostni li ghandu jkun hemm mhux biss nuqqas ta' interferenza fil-hajja privata izda wkoll "*positive obligations inherent in an effective respect for private and family life*".

Il-Qorti tirreferi wkoll ghall-kaz ta' **Tysiac vs Poland** ta' l-24 ta' Settembru 2007 li jaghmilha cara li kull interferenza trid tkun gustifikata skond it-tieni paragrafu. Huwa ovvju li kull Stat ghandu dritt li jikkontrolla d-dhul, ir-residenza u t-tkeccija tal-persuni li mhux cittadini fit-territorju tieghu (**Moustaquim vs Belgium**, 1991 – ara wkoll *Van Dijk u Van Hoff: Theory and practice of the European Convention on Human Rights*). Naturalment dan id-dritt ta' l-iStat irid jittiehed fid-dawl tal-hajja privata, u hawnhekk wiehed irid jara jekk tezistix hajja familjari li haqqha l-protezzjoni u jekk l-interferenza hix gustifikata (ara **Raid Mabruk El Masri vs L-Onorevoli Prim Ministru et**, deciza fl-4 ta' Ottubu 2004).

L-awturi **DJ Harris, M O'Boyle u C Warbrick, Law of the European Convention on Human Rights**, pagna 313, josservaw illi:
"*It should be noticed at the outset that the obligation on the state is to respect family life: it does not allow persons to claim a right to establish family life, eg by marrying or having the opportunity to have children, nor a general right to establish family life in a particular jurisdiction*".

Infatti fil-kaz ta' **Abdulaziz, Cabalas and Balkandali vs UK, 28 ta' Mejju 1985**, il-Qorti irriteniet illi l-artikolu 8 ma jipprotegix id-dritt ta' individwu li joqghod fi Stat partikolari izda:
*"The duty imposed by Article 8 cannot be considered as extending a general obligation on the part of a contracting state to respect the choice by married couples of the country of their matrimonial residence and to accept the non-national spouses for settlement in that country".*

Issa fil-kaz in ezami r-rikorrenti ma ippruvawx fil-kors tal-kawza *a long and well established family life* gewwa Malta. Infatti ma irrizultax li r-rikorrenti jghixu flimkien, tant li fir-residenza tar-rikorrent Hasan Hasan ma nstab ebda indument femminili.

Fil-kawza fl-ismijiet **Tarek Mohammed Ibrahimm vs Vici Prim Ministru u Ministru tal-Gustizzja u ta' l-Intern et**, din il-Qorti kif presjeduta, fit-28 ta' Frar 2007 qalet:
"Il-fatt li r-rikorrent kellu tifla minn relazzjoni extra-konjugali ma' mara Bulgara b'ebda mod ma jwassal ghal xi dritt tar-rikorrenti biex hu jakkwista c-cittadinanza Maltija. *Family life* kif stabbilita fl-artikolu 8 ma tigix bazata fuq il-fatt li bniedem ikollu tarbija u ma jintitolahx ghal dritt ta' cittadinanza. Il-fatt li huwa jghix ma' mara Bulgara f'Malta u kellu tifla minnha certament ma jwassalx ghad-dritt tac-cittadinanza bazat fuq hajja familjari. Jista' wkoll jistabbilixxi l-*family life* tieghu f'pajjiz iehor. Ara f'dan ir-rigward **Samir El Yeferni v L-Onor. Prim Ministru et** deciza mill-Onor. Qorti Civili (Sede kostituzzjonali) fit-28 ta' Gunju 2005."

Ukoll, din il-Qorti kif presjeduta, fit-18 ta' Gunju 2001, fil-kawza fl-ismijiet **Monchef Choubene vs Kummissarju tal-Pulizija**, qalet:
"Illi l-iskop tal-artikolu 8 tal-Kap 319 huwa l-protezzjoni tal-individwu minn azzjoni arbitrarja tal-awtoritajiet pubblici – Ara "**Gul vs Switzerland**" 19/2/96. Tarbija mwielda fi zwieg hija '*ipso jure*' parti minn dik ir-relazzjoni u mill-mument tat-twelid tezisti rabta bejnu w l-genituri tieghu li jammontaw ghar-rabta ta' "*family life*" – ara **Berrehab vs Netherlands** 21/6/88, u **Hokkanen vs Finland** 23/9/94. Importanti wkoll li wiehed jiftakar li Stat ghandu d-dritt jikkontrolla d-dhul ta' persuni li mhux cittadini fit-territorju tieghu – ara **Abdulaziz et vs United Kingdom** 28/5/85. L-artikolu 8 ma jistax jigi interpretat b'mod li jaghti lill-koppji mizzewga d-dritt fuq xi Stat fejn kien hemm residenza matrimonjali b'mod li jkun hemm id-dritt tal-unjoni tal-familja fit-territorju ta' dak l-istat [**Gul vs Switzerland**]. Dan hu wkoll dipendenti fuq it-tip ta' permess li rikorrent jkollu biex joqghod f'pajjiz – e.g. *residence permit on humanitarian grounds, temporary permit*."

F'din l-istess kawza, deciza wkoll mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Dicembru 2001, intqal:
"Fi kliem iehor, din il-Qorti tqis li jezisti kemm id-dritt ghal hekk imsejha family life, kif ukoll id-dritt ta' l-Istat li

jikkontrolla l-immigrazzjoni ta' nies li mhumiex cittadini tieghu meta dawn ikunu jew ser jidhlu jew jinsabu ga' fit-territorju tieghu. Mill-banda l-ohra, mhux kull interferenza tal-*family life* da parti ta' l-Istat hija vjetata ghaliex jista' jissussistu cirkostanzi fejn tali interferenza tkun permissibbli."

Minhabba dan il-Qorti m'hi qed issib ebda vjolazzjoni ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ghalhekk din it-talba tar-rikorrenti bazata fuq l-artikolu 8 tal-Kap 319 qed tigi michuda.

***D3. L-artikolu 2 tar-Raba' Protokol anness mal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem:***

Dan l-artikolu jghid hekk:

"(1) Kull min ikun b'mod legittimu fil-limiti tat-territorju ta' xi Stat ghandu, fil-limiti ta' dak it-territorju, ikollu d-dritt ghal-liberta` ta' movement u l-liberta` li jaghzel ir-residenza tieghu.

(3) Ma ghandhom jittiehdu ebda restrizzjonijiet fuq l-esercizzju ta' dawn id-drittijiet hlief dawk li jkunu skond il-ligi u li jkunu mehtiega f'socjeta` demokratika f'kull interess tas-sigurta` nazzjonali jew tas-sigurta` pubblika, ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku, ghall-prevenzjoni ta' reati, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghal protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' l-ohrajn".

Il-Qorti tosserva li minn dak li jirrizulta hawn fuq, it-thassir tal-*freedom of movement* moghti lir-rikorrenti sar a tenur tal-ligi. Dan gie dettaljatament spjegat taht il-paragrafu "D2" hawn fuq. Ghalhekk huwa naturali li ma sar ebda ksur tad-Drittijiet tar-rikorrenti taht l-artikolu 2 tar-Raba' Protokol. Il-Qorti tichad it-talba biex tiddikjara null u bla effett it-thassir tal-*freedom of movement* fuq il-passaport tar-rikorrenti Hasan Hasan.

***D4. Rimedji ohra inkluz danni sofferti mir-rikorrenti:***

Ir-rikorrenti talbu wkoll li din il-Qorti taghti kull rimedju iehor, inkluz danni sofferti mir-rikorrenti kawza tal-vjolazzjonijiet lamentati. Din il-Qorti ma sabet ebda vjolazzjoni fl-agir ta' l-intimat u per konsegwenza t-talba

ghal danni ma tistax issegwi, u qieghedha wkoll tigi michuda.

## E. KONKLUZJONIJIET:

Il-Qorti ghalhekk issib l-eccezzjonijiet fir-risposta bhala gustifikati u dan kif jidher specifikat separatament fil-paragrafi “D1”, “D2”, “D3” u “D4” ghall-eccezzjonijiet in kwistjoni.

Naturalment tichad it-talbiet minhabba dak imsemmi fl-istess “D1”, “D2”, “D3” u “D4”.

Spejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------